# RIŻORSA 14

Andrei Sakharov (1921–1989) kien xjenzat Sovjetiku; kien dissident u rebbieħ tal-Premju Nobel għall-Paċi. Sakharov ġie arrestat fit-22 ta' Jannar 1980, wara protesti pubbliċi min-naħa tiegħu kontra l-invażjoni Sovjetika fl-Afganistan fl-1979. Simone Veil hija personalità politika Franċiża u kienet l-ewwel mara President tal-Parlament Ewropew.

Il-Lussemburgu, 24-1-1980
TELEGRAMMA

Eċċellenza,

Il-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Politiċi tal-Parlament Ewropew talabni nressaq dan li ġej għall-attenzjoni tiegħek:

"Il-Kumitat għall-Affarijiet Politiċi tal-Parlament Ewropew, f'laqgħa fit-22 ta' Jannar 1980 fi Brussell, sar jaf b'rabja kbira li l-awtoritajiet Sovjetiċi llum arrestaw lis-Sur Andrei Sakharov u neħħewlu d-drittijiet u t-titoli tiegħu bħala akkademiku.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Politiċi esprima s-solidarjetà sħiħa tiegħu mas-Sur Andrei Sakharov, li huwa rebbieħ tal-Premju Nobel għall-Paċi u difensur kbir tad-drittijiet tal-bniedem fl-Unjoni Sovjetika, u l-kundanna totali tiegħu ta' dawn il-miżuri meħuda kontrih, li jiksru l-ftehimiet iffirmati taħt l-Att Finali ta' Ħelsinki li jimmira lejn ir-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Politiċi jitlob lill-awtoritajiet Sovjetiċi jreġġgħu lura l-miżuri meħuda kontra s-Sur Sakharov u jesprimi wkoll it-tħassib kbir tiegħu dwar din l-eskalazzjoni tar-ripressjoni fl-Unjoni Sovjetika li kompliet iddgħajjef id-distensjoni internazzjonali.

Il-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Politiċi, is-Sur Emilio Colombo, ingħata struzzjonijiet biex jitlob lill-President tal-Parlament Ewropew tgħarraf lill-ambaxxaturi tal-Unjoni Sovjetika akkreditati lill-kapitali tad-Disa' Pajjiżi dwar il-pożizzjoni li ħa l-Kumitat għall-Affarijiet Politiċi."

Għoddni dejjem tiegħek.

Simone Veil
President tal-Parlament Ewropew

*Sors: EU historical archives, Oral history of the European Parliament Presidents, http://www.epgencms.europarl.europa.eu/cmsdata/upload/1312bf12-e551-4e4f-a8d8-76056e8b7c89/Veil_Letter_Sakharov_1980_FR.pdf*

- X'inhuma l-pożizzjoni u l-intenzjoni tal-Parlament Ewropew f'dan il-messaġġ?
- Abbażi tal-azzjoni meħuda mill-President tiegħu fl-1980, għaliex taħseb li l-Parlament Ewropew iddeċieda li jistabbilixxi l-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb?